MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2007

Numru. 496/2007

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)
(Spettur Silvio Valletta)

vs

Kenneth Borg

Il-Qorti;

Rat li l-imputat, Kenneth Borg ta’ 29 sena, iben il-mejjet Anthony u Polly nee’ Debattista, imwieled Attard nhar l-4 ta’ Gunju, 1977, detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 0310177M u residenti gewwa Blk D Door 3, Flat 6, Housing Estate, Rabat, Malta gie mressaq quddiemha b’arrest akkuzat talli bejn Novembru, 2005 u Mejju, 2007, gewwa Swatar, Mellieha, Imsida u Xemxija u gewwa dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet

differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar bejn l-4 ta' Novembru, 2005 u is-6 ta' Novembru, 2005, gewwa Triq Giuseppe Calleja, Imsida Swatar, ikkometta serq minn gewwa residenza 'Little Gozo Crt' Flat 12 ghad-dannu ta' Jessica Bajada liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez il-mitt Lira Maltin (LM100), bil-mezz u bil-lok;

2. U aktar talli nhar l-20 ta' Marzu, 2007, matul il-gurnata, minn gewwa Triq il-Garni, Mellieha, ikkommetta serq minn gewwa residenza 'Da Vinci Crt', Flt No. 18 ghad-dannu ta' Joseph Deguara liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf lira Maltin (LM1,000) bil-mezz u bil-lok;

3. U aktar talli nhar it-3 ta' Mejju, 2007, matul il-gurnata, minn gewwa Triq it-Torri, Imsida, ikkommetta serq minn gewwa residenza 'Sunflower Flats', Flat No. 4 ghad-dannu ta' Adrian Bugeja liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf lira Maltin (LM1,000), bil-mezz u bil-lok;

4. U aktar talli nhar it-13 ta' Mejju, 2007, matul il-gurnata, minn gewwa Triq it-Tgham, Mellieha, ikkommetta serq minn gewwa residenza 77, Flat No. 2 ghad-dannu ta' Johann Vella liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf lira Maltin (LM1,000), bil-mezz u bil-lok;

5. U aktar talli bejn is-17 ta' Mejju, 2007 u t-30 ta' Mejju, 2007, matul il-gurnata, minn gewwa Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, ikkommetta serq minn gewwa residenza 'See Breeze Terracest' ghad-dannu ta' Anthony Gauci u Andre' Cassar Bonaci, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jaqbez l-elf lira Maltin (LM1,000), bil-mezz u bil-lok.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2007 u cioe' fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfronti ta' l-imputat u meta sar l-ezami ai termini ta' l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9, u cioe', wara li l-imputat wiegeb li huwa hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-imputat il-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-fatt li mill-istqarrija tieghu jirrizulta li huwa ghandu problema ta' abbuz mid-droga u ghalhekk ghalkemm ser tigi mposta piena karcerarja effettiva qed issir rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jingahta l-facilita' li jaghmel programm residenzjali.

Ghladaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 261, 263, 267, 269, 278, 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah ghal prigunerija ta' sentejn (2) u tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jiehu dawk il-mizuri sabiex l-imputat jibda programm residenzjali kontra l-problema li ghandu mill-abbuz tad-droga.

Il-Qorti tordna wkoll li ai termini ta' l-Artikolu 401 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kopja ta' din is-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------